MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1929/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Michael Camilleri abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi u l-istess Michael Camilleri (594258(M)).**
**Vs**
**Paul Cutajar**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-25 ta' Ottubru, 2004 fejn l-atturi qed jitlobu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' Lm 93.50 (tlieta u disgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu) bħala ħlas ta' danni sofferti minn Michael Camilleri, konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 ġewwa Birkirkara.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-ammont mitlub ta' tlieta u disgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm 93.50) jirrappreżenta d-danni kollha sofferti

mill-attur, Michael Camilleri assigurat tas-soċjeta' attriċi, Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li għalihom għamlu tajjeb, kwantu għall-ammont ta' tmienja u sittin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm 68.50), is-soċjeta' attriċi Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu għall-ammont ta' ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 25), l-istess Michael Camilleri in linea ta' excess payment, bħala riżultat ta' l-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-30 ta' Ottubru, 2003 ġewwa Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur, Michael Camilleri, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBJ 772 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-reġistrazzjoni DBY 393, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat ta' traskuraġni, negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali li qed tintbagħat kontestwalment ma' dan l-att, lis-soċjeta' assikuratriċi Omnibuspool u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Paul Cutajar fejn ingħad illi:-

Il-pretensjoni attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-attur billi:-

- L-ewwel lok de facto ma seħħet ebda kolliżjoni u impatt bejn il-vettura propjeta' ta' u misjuqa mill-attur, Michael Camilleri u l-karozza tal-linja numru DBY 393 propjeta' ta' u misjuqa mill-konventu u b'hekk l-atturi ma setgħu sofrew ebda danni b'kaġun tal-konvenut;
- U fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju jekk stess seħħet tali kolliżjoni, it-tort huwa unikament u esklussivament ta' l-attur, Michael Camilleri, billi l-konvenut fil-mument ta' l-inċident allegat, kien qed isuq bl-aktar prudenza u b'ħarsien assolut tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-attur, Michael Camilleri allega illi fil-mument tal-ħabta, l-vettura tiegħu kienet wieqfa u kif għadda minn ħdejh il-konvenut ġibidlu l-"bumper" u di fatti ħalla marka fuq ix-xarabank.

Paul Zahra stqarr li kien spezzjona l-vettura DBY-313 u nnota li fuq ir-rota tal-lemin qabel ir-rota ta' wara minkejja li kienet ix-xita kien hemm roqa qisha minsuha. Ma kienx hemm ilma fuqha, kienet minsuha u kien hemm line iswed fuqha, qisu bħal "bumper" tal-lastiku. Dan huwa l-kliem testwali ta' l-istess xhud.
Il-konvenut għoġbu li ma jippreżentax ruħu biex jagħti xhieda tiegħu. Pero' t-Tribunal jagħmel riferenza għax-xhieda minnu mogħtija dakinhar ta' l-inċident lill-Pulizija Nvestigattiv fejn dan qallu testwalment illi veru li kien għaddej minn dik Triq Censu Bugeja imma sa fejn jaf hu ma kien laqat l-ebda vettura.

It-Tribunal jagħmel referenza ukoll għax-xhieda ta' l-istess Zahra illi dakinhar ta' l-inċident huwa spezzjona l-istess vettura u sab l-istess linja.
Illi huwa l-oneru ta' l-attur illi jipprova l-każ tiegħu fuq bilanċ ta' probabilitajiet aktar u aktar fil-każ odjern il-konvenut ma deherx biex jagħti x-xhieda tiegħu.
Illi l-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat.
Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tlieta u disgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm 93.50) bi spejjeż u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------